

Brussell, 22 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0038(NLE)

---

---

15504/23  
ADD 1

POLCOM 276  
SERVICES 51  
FDI 31  
COASI 200

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 6598/23 + ADD 1-5
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand - Adozzjoni

---

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Bulgarija**

**dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand**

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Il-pajjiż huwa u ser jibqa' ddedikat għall-impjenji tiegħu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-kunċett tal-ġeneru bħala kostruzzjoni soċjali huwa inkompatibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni Bulgara.

F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija hawn fuq u mal-Kostituzzjoni Bulgara, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li l-espressjonijiet fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand li fihom it-terminu "ġeneru" ser jiġu interpretati bħala li jirreferu għan-nisa u l-irġiel.

## Dikjarazzjoni mill-Ungerija

### **dwar il-Ftehim ta' Kummerç Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand**

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minqusa bħala valur fundamentali fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-Artikolu 2 TUE u fl-Artikolu 8 TFUE. F'konformità ma' dan u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel".

---